



# Il-Fratellanza tas-SS. Sagrament tas-Siġġiewi

**Lorenzo Zahra**

Il-Fratellanza tas-SS. Sagrament fil-Parroċċa ta' San Nikola ġewwa s-Siġġiewi mill-bidu tagħha dejjem kienet tieħu ħsieb mhux biss li twettaq id-doveri tagħha lejn l-imsieħbin speċjalment fil-mewt tagħhom, imma wkoll kellha venerazzjoni kbira lejn is-Santissimu Sagrament Ewkaristiku.

U fil-parroċċa dejjem kienet tieħu ħsieb mhux biss l-altar maġġur fejn kien jinżamm is-Sagrament, imma wkoll l-armar tal-knisja, kif ukoll tieħu sehem fil-proċessjonijiet kollha sagramentali bħalma kien isir f'parroċċi oħrajn.

Dan jidher ukoll mill-istatut tal-istess Fratellanza li kien ġie approvat fit-2 ta' Settembru 1779. Hekk baqgħet għal bosta snin, il-Fratellanza tieħu ħsieb dawn il-festi sagramentali tant li qrib is-sena 1914, il-Fratellanza ħadet ħsieb li jkollha baldakkin deċenti u sabiħ biex bih tkun tista' takkompanja lil Ġesù taħt l-ispeċi Ewkaristiċi.

Ta' interess ukoll huwa dak li kien ġara xi tliet snin qabel; dan jidher minn kitba ta' Dun Ġużepp Delia li kien il-prokuratur tal-istess Fratellanza meta fi Frar tas-sena 1911, wara konsulta ġenerali tal-Fratelli talab biex minn xi flus liberi li kellha l-Fratellanza, ikun jista' jordna sett gandlieri għall-maġġur biex iżejjen l-altar nhar il-festi ta' Corpus Christi. Dan l-għaliex xi xhur qabel kien ġara li waqa' t-tużell fuq l-altar maġġur meta dan kien armat bil-gandlieri li kien ġralhom ħafna ħsara.

Il-Prokuratur għalhekk ried li jieħu ħsieb li l-Fratellanza jkollha sett gandlieri li jixirqu fuq l-altar nhar il-festa ta' Corpus kif dejjem kien sar qabel.



*Il-post fejn jitpoġġew l-istandardi fil-Knisja*

Dun Ġużepp Delia li kien il-prokuratur ħa ħsieb minn qabel sabiex kif tasal il-festa li kien imiss fil-Parroċċa jkun hemm l-altar maġġur imżejjen kif jixraq, u mhux biss dan, imma talab ukoll li jkun jista' jixtri Salib bil-Kurċifiss tal-Fidda ħalli jkun jista' jintuża fil-Proċessjonijiet meta l-Fratellanza tieħu sehem.

Hekk jidher li l-Fratelli approvaw dawn il-proposti tal-prokuratur is-Sur Delia, biex setgħu jsiru dawn l-opri fil-Knisja Parrokkjali ta' San Nikola, is-Siġġiewi.

**Ref:** AAM. Sup Vol176-1911, I